MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' April, 2009

Numru 177/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**
**vs**

**ANGELO SPAGNOL**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Angelo Spagnol ta' 30 sena, bin John u Emmanuela nee' Spiteri, imwieled il-Pieta' fit-13 ta' Marzu, 1978 u joqghod fil-fond: Nru. 15, 'St Catherine', Triq il-Kapumastru, Iz-Zejtun u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru: 174378(M).

Billi gie akkuzat talli, nhar it-18 ta' Gunju, 2007, filwaqt li kont gewwa l-Biccerija, gewwa Albert Town, bhala persuna zamm jew qabel li jzomm xi animal, gieghel lill-istess issofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok JB3 u nnutat li l-imputat Angelo Spagnol m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum, l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li hu hati tal-akkuza migjuba kotnra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 8(2), (3) u 45(1) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Angelo Spagnol, fuq ammissjoni, hati ta’ l-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali tal-imputat tikkundanna lill-istess imputat Angelo Spagnol ghall-piena ta’ seba mitt Euro (Euro 700) multa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------